MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Numru 518/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 13 TA' GUNJU 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**JORGE CASARES PELAEZ**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jorge Casares Pelaez ta’ 50 sena, bin Lorenzo u Maria Teresa nee’ Pelaez, imwieled Spanja, nhar l-1 ta’ Gunju 1958, u residenti fil- fond 2, ic- Cikonja, Triq il-Qalliet, Marsaskala detentur ta’ Karta tal-Identita’ Spanjola bin-numru 5381065-P;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1. F’dawn il- Gzejjer fit- 13 ta’ Gunju 2008 ghal habta ta’ saghtejn u nofs ta’ filghodu, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta’ statwa tal- bronze,liema serq huwa aggravate bil- hin, bil-lok u bil-valur (aktar minn 2325.58 Euros) ghad dannu ta’ Tumas Grupp, Hilton Hotel.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kontra tieghu fl-istadju l-aktar bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu skond il-ligi;

Rat illi b’din l-ammissjoni, l-Qorti giet konvertita f’wahda ta’ Gudikatura Kriminali ai termini tal-Artikolu 392 tal-Kap 9, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Semghet it-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat il-Qorti fadlilha biss tikkonsidra l-piena. Milli jidher dan kien kaz fejn l-imputat

ikkommetta dan ir-reat aktar bhala bravata ta’ bejn hbieb daqsxejn xurbana, milli b’xi intenzjoni ta’ lukru illecitu, u l-anqas kien konxju tal-valur tal-oggett mehud minnu. Madankollu, hu ghandu jinghata taghlima li zzommu milli jerga’ jittanta jaghmel reat iehor simili fil-futur. Inotre l-Qorti tapprezza li l-imputat ammetta mal-ewwel, anke mal-pulizija, u ghandu fedina penali netta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 267, 269 u 270, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat Jorge Casares Pelaez hati u ghal daqs tant tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

ANTHONY J VELLA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------